MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2011

Numru. 482/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR RAMON MERCIECA**

**KONTRA**

**MARIO AQUILINA**

**Il- Qorti;**

Wara li rat l- imputazzjonijiet migjuba kontra;

Mario Aquilina ta’ 50 sena, bin Gaetano u Grace nee’ Micallef, mwieled B’Kara nhar id- 29 ta’ Lulju 1961, residenti gewwa 46, Triq Fra Diegu, Hamrun u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 506861M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar is- 26 ta' April 2010 u fix- xhur ta' qabel din id-data gewwa dawn il- Gzejjer;

1) Bhala l- persuna li zamm jew qabel li jzomm xi annimali gieghel lill- istess annimali, fosthom klieb, isofru ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn u abbandunahom tali li nzammu fi hmieg, f' gaggeg zghar hafna u minghajr ilma u ikel;

2) U aktar talli fl- istess zminijiet, hin, lok u cirkostanzi zamm annimali jew qabel li jzomm annimali ghandu u ma kienx responsabbli ghat- trattament xieraq taghhom;

3) Aktar talli fl- istess zminijiet, hin, lok u cirkostanzi meta zamm annimali ghandu u cioe' klieb f' sistema ta' gaggeg hekk zghar u msaddin u mahmugin u ghamel uzu minnhom meta dawn ma jharsux dawk il- facilitajiet minimi ghat- trattament xieraq tal- annimali;

4) U aktar talli fl- istess zminijiet, hin, lok u cirkostanzi zamm ghandu iktar minn kelb wiehed fl- abitat minghajr permess tal- Kummissarju tal- Pulizija;

Rat id- dokumenti kollha ezebiti;

Rat l- atti kollha tal- kawza;

Semghet ix- xhieda prodotti;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat jiggestixxi hanut fi Triq Guze' Pace, Hamrun, bl-isem ta' "High Society". In-negozju huwa ta' "pet shop" u ta' "grooming" tal-klieb. F'Marzu 2010 saret spezzjoni fil-hanut mill-"Animal Welfare Unit" u dawn innotaw diversi nuqqasijiet fiz-zamma tal-annimali msemmija. Gie indikat li l-gageg fejn jinzammu kienu zghar wisq, li kien hemm nuqqas ta' ndafa konsiderevoli, u li kien hemm numru ta'

annimali – madwar hamsin (50) – li kienu qed jinzammu hemm fi stat hazin. Ghalhekk sar rapport minnhom u ttiehdu dawn il-proceduri kontra l-imputat.

Mil-provi prodotti rrisulta li l-imputat effettivament kellu numru ta' klieb u qtates fil-hanut tieghu li kienu ghal "grooming", sabiex jitnaddfu b'mod professjonali ghal sidhom. Gie indikat li dawn l-annimali kienu jammontaw ghal madwar hdax (11), u dawn kienu qed jinzammu fi "carry case" apposta. L-annimali l-ohra kienu wkoll ta' terzi, klijenti tal-imputat, u kienu hemm biss ghal hasil. L-imputat qal li hu kellu biss erbat iklieb li kienu tieghu. Kellu numru ta' annimali li kienu ghall-bejgh.

Il-Prosekuzzjoni pproduciet lis-Supretendent Carmelo Magri, li xehed li kien qed ikun hemm diversi rapporti minn xi girien tal-imputat dwar irwejjah jintnu hiergin mil-hanut. Ma ngiebetx prova f'dan is-sens, izda. Ix-xhud qal ukoll li ommu kienet toqghod biswit il-hanut, u apparti dawn l-irwejjah kienet ilmentat minhabba fl-iskart li kien ihalli barra l-hanut. Is-Supretendent pero' qatt ma mar fuq il-post.

Xehed ukoll Emanuel Buhagiar, Spettur mal-Animal Welfare, li esebixxa rapport dettaljat dwar in-nuqqasijiet li sab fil-hanut. Xehed ukoll it-tabib veterinarju Patrick Caruana, li ssostanzja ix-xhieda ta' Buhagiar. Xehdu wkoll ufficjali ohra tal-Pulizija li kienu marru fuq il-post flimkien ma' Buhagiar u mal-veterinarju. L-ilment ewlieni jidher li kien ir-riha qawwija ta' annimali fil-hanut, u z-zamma taghhom f'gageg zghar u minghajr ilma.

L-imputat xehed minn rajh u qal li l-annimali li kellu hemm mil-bicca l-kbira kienu ta' klijenti tieghu u kienu ghal "grooming" jew ghal hasil. Kellu numru zghir ta' annimali ghall-bejgh. Bhala proprjeta' tieghu kellu sitt annimali b'kollox. Hu cahad li l-annimali li kellu fil-hanut ma kienux qed jinzammu fi stat tajjeb skond il-ligi, anzi hu fisser li dawk li kienu minghajr ilma kellhom jinzammu hekk minhabba l-"grooming" li kellu jsirilhom. Bhala xhieda in difesa hu tella' numru ta' klijenti li jmorru l-hanut tieghu u

kollha qalu li ma hemmx irwejjah qawwija ta' annimali, u li dejjem uzaw is-servizzi tieghu.

Minn dawn il-provi kollha, il-Qorti hi tal-fehma li ma jezistux l-estremi tar-reati kkontemplati fil-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta. Ma giex stabbilit mil-Prosekuzzjoni l-qies tal-gageg u jekk dawn kienux zghar wisq, u ma kien hemm l-ebda sinjal ta' mohqrija jew nuqqas ta' ikel fuq l-annimali fil-hanut. L-anqas ma gie indikat mil-Prosekuzzjoni liema mil-gageg kienu tal-imputat u liema kienu ta' terzi, izda qabdu u poggew kollox fl-istess keffa. Il-Prosekuzzjoni kellha taghmel ezercizzju akkurat fejn tistabbilixxi liema annimali kienu ta' terzi, liema kienu tal-imputat, liema minnhom kienu ghall-bejgh, u x'kien il-qies ta' kull gaga u jekk kienx adegwat ghall-annimal li kien fih. Mir-ritratti ma rrisultax il-hmieg tal-annimali li tant sar enfasi fuqu. Irrisulta li kien hemm gageg vojta li kellhom ftit ghanqbut fuqhom. Dwar is-sadid fuq xi gageg minnhom, ma giex indikat li l-hadid kien maqtugh b'mod li l-annimali setghu iweggghu. U dwar in-nuqqas ta' ilma ghal uhud mil-annimali mizmuma hemm, il-Qorti hi soddisfatta bl-ispjegazzjoni li ta l-imputat fix-xiehda tieghu.

Ghalhekk, il-Qorti ma tarax li l-kaz tal-Prosekuzzjoni gie b'xi mod ippruvat, u ghaldaqstant sejra tillibera lill-imputat minn kull htija u piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 8 (2), 8 (3), 16 (1) Taqsima 1v tal-Kapitolu 439 u l- Artikolu 5 (1) tal- Kapitolu 312 tal- Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------